Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2013

Appell Civili Numru. 81/2011/1

***Untours Insurance Agency Ltd* u din għal *Qatar Insurance Agency Company* kif surrogata fid-drittijiet ta’ Emanuel Gauci; u l-istess Emanuel Gauci**
***v.***
**Victor Micallef; u b’dikriet tal-25 ta’ Ġunju 2008 issejħu fil-kawża Saviour Micallef, Anthony Theuma u Kevin Bartolo**

1. Dan huwa appell tal-Avukat Ġenerali minn sentenza mogħtija fil-25 ta’ Mejju 2012 mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha li wieġbet

għal referenza kostituzzjonali billi qalet illi l-proċedura ta' arbitraġġ obbligatorju taħt l-art. 15(11) tal-Att dwar Arbitraġġ ["Kap. 387"] u taħt ir-Regolamenti tal-2005 dwar Emenda tar-Raba' Skeda li tinsab mal-Att dwar l-Arbitraġġ ["A.L. 279 tal-2005"] hija bi ksur tal-jeddijiet tal-atturi mħarsa taħt l-art. 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"] u l-art. 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ["il-Konvenzjoni"].

2. Il-fatti li wasslu għal din il-kawża seħħew hekk: l-atturi bdew proċeduri ta' arbitraġġ taħt il-Kap. 387 biex talbu illi jiġi dikjarat illi l-konvenut Victor Micallef jaħti għal inċident tat-triq u jħallas id-danni ta' elf, tmien mija u ħmistax-il lira (Lm1,815) – daqs erbat elef, mitejn u sebgħa u għoxrin euro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€4,227.81). Waqt is-smigħ tal-arbitraġġ issejħu fil-kawża wkoll il-konvenuti Saviour Micallef, Anthony Theuma u Kevin Bartolo.

3. B'*lodo* mogħti fit-28 ta' Mejju 2009 l-arbitru sab illi l-konvenut Victor Micallef għandu nofs (½) il-ħtija għall-inċident u l-konvenuti Saviour Micallef, Anthony Theuma u Kevin Bartolo jaħtu fis-sehem ta' wieħed minn sitta ($^1/6$) kull wieħed, u ikkundanna lill-istess konvenuti jħallsu, kull wieħed fis-sehem tiegħu, erbat elef, mija u sitta u erbgħin euro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€4,146.28) lis-soċjetà assikuratriċi attriċi u wieħed u tmenin euro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€81.52) lill-attur Gauci, kif ukoll l-ispejjeż tal-proċeduri.

4. Il-konvenuti Victor Micallef, Saviour Micallef u Kevin Bartolo appellaw bl-aggravju illi l-*lodo* ma jiswiex għax, fid-29 ta' Mejju 2009, waqt li kienu mexjin dawn il-proċeduri, ingħatat sentenza mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha fl-ismijiet Joseph Muscat *v.* Prim'Ministru *et* li iddikjarat illi proċeduri mmexxija taħt l-A.L. 279 tal-2005 u l-art. 15(11) tal-Kap. 387 huma bi ksur tal-art. 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-art. 6(1) tal-Konvenzjoni.

5. Il-Qorti tal-Appell, għalhekk, fid-29 ta' Novembru 2011 għamlet ordni ta' referenza u bagħtet l-atti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili:

»… sabiex jiġi determinat jekk il-proċeduri ta' arbitraġġ mandatorju fl-ismijiet premessi mmexxija taħt l-Avviż

Legali 279 tal-2005 u l-artikolu 15(11) tal-Kap. 387 (Att dwar l-Arbitraġġ) tal-Liġijiet ta' Malta imurx [*recte*, imorrux] kontra l-provvedimenti tal-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6(1) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta [*recte*, tal-Konvenzjoni].«

6. B'sentenza mogħtija fil-25 ta' Mejju 2012, li minnha sar dan l-appell, l-ewwel qorti wieġbet għar-referenza:

»… fis-sens li tqis li l-proċedura ta' arbitraġġ mandatorju mmexxija taħt l-Avviż Legali 279 tal-2005 u l-artikolu 15(11) tal-Kap. 387 (Att dwar Arbitraġġ) tal-Liġijiet ta' Malta, kif kienu applikabbli għal dan il-każ, imur [*recte*, tmur] kontra l-provvedimenti tal-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6(1) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta [*recte*, tal-Konvenzjoni].«

7. L-ewwel qorti waslet għal din il-konklużjoni wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijet:

»Saru mill-partijiet referenza għal diversi deċiżjonijiet tal-qrati tagħna fuq din il-kwistjoni. Din il-qorti, kif presjeduta, taqbel mal-pożizzjoni li ħadet din il-qorti fi tliet sentenzi li huma taw u li fihom ġie dikjarat li l-provvedimenti ta' arbitraġġ mandatorju jiksru d-drittijiet fundamentali ta' ċittadin involut. It-tliet sentenzi huma dawn: Grech *v.* Calleja *et*, deċiża fid-19 ta' Ottubru 2007, Muscat *v.* Prim'Ministru *et*, deċiża fid-29 ta' Mejju 2009 u *H. Vassallo & Sons Ltd v.* Avukat Ġenerali *et* deċiża fil-11 ta' Marzu 2010. … … … [F]it-tliet każi ntqal li l-arbitraġġ mandatorju kien imur kontra d-drittijiet fundamentali ta' dak li jkun.

»Mit-tliet kawżi kien sar appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. Fl-ewwel każ, il-Qorti Kostituzzjonali tat is-sentenza tagħha fid-29 ta' Frar 2008 u rrevokat is-sentenza ta' din il-qorti, mingħajr, però, ma qieset il-punt in eżami. Dak il-każ kien tressaq quddiem din il-qorti bħala referenza li kien għamel it-Tribunal dwar Talbiet Żgħar u l-Qorti Kostituzzjonali ddikjarat bħala null il-proċess ta' referenza u l-eventwali sentenza peress li ma kienx kompitu ta' dak it-tribunal li jagħmel referenza kostituzzjonali.

»Fil-kaz ta' Muscat, il-Qorti Kostituzzjonali, fis-6 ta' Settembru 2010, irrevokat ukoll is-sentenza ta' din il-qorti, din id-darba fuq il-meritu, u wara li eżaminat il-liġi dwar arbitraġġ qalet li "fid-dawl tal-klassi ta' tilwimiet soġġetti għall-arbitraġġ obbligatorju", ma tistax tgħid li l-proċess

kollu ma jagħtix garanzija għal smigħ minn tribunal indipendenti u imparzjali.

»Fil-kaz ta' _H. Vassallo & Sons Ltd_, il-Qorti Kostituzzjonali kellha okkażjoni terġa' teżamina l-pożizzjoni u fis-sentenza li tat fit-30 ta' Settembru 2011 irrevediet il-pożizzjoni tagħha u qablet mas-sentenza ta' din il-qorti li kienet iddikjarat l-arbitraġġ obbligatorju bħala anti-kostituzzjonali.

»Din il-qorti, kif issa presjeduta, wara li reġgħet ħasbet fuq il-materja, taqbel ma' dan l-aħħar pronunzjament li tat il-Qorti Kostituzzjonali, u taqbel ukoll mal-pożizzjoni li ħadet din il-qorti fit-tliet kawżi aktar qabel imsemmija. Hi eżaminat l-argumenti tal-Qorti Kostituzzjonali fil-każ ta' Muscat, però ma tistax taqbel magħhom. Fl-ewwel lok, din il-qorti ma taqbilx li materji li jinvolvu valur li ma jaqbizx il-€11,646.87 huma ta' importanza "relativament modesta" u li, allura, huma "klassi ta' tilwimiet" li, donnhom, ma jixraqilhomx il-protezzjoni kompleta tal-liġi.  Hu veru li dik il-qorti osservat li anke dawn it-tilwimiet għandhom ikunu ġġudikati "b'ħarsien sħiħ tal-jedd għal smigħ xieraq", pero, *in ultima analisi*, irreferiet għal dawn il-"klassi ta' tilwimiet" bħala konsiderazzjoni (waħda minnhom) li waslet lill-qorti tirrevoka s-sentenza tal-ewwel qorti.

»Għall-ħaddiem salarjat, somma ta' madwar €10,000 jew €11,000 m'hijiex "relativament modesta", u żgur li ħafna drabi ma jkunx jista' jaffordja li jħallas spiża bħal din. Dan għandu dritt għal salvagwardji kollha li tipprovdi l-liġi għal kull każ ieħor.

»Lanqas ma tista' taqbel mal-konsiderazzjoni li ħafna mid-deċiżjonijiet li jieħu ċ-Ċentru tal-Arbitraġġ marbuta mat-tmexxija tal-arbitraġġ huma deċiżjonijiet amministrattivi, soġġetti għal *judicial review* u kwindi dak li jkun jista' dejjem jitlob stħarrig ta' xi deċiżjoni li ttieħdet fil-każ tiegħu. Jekk l-arbitraġġ se jitqies "tribunal" għall-effetti kollha tal-liġi, il-kompożizzjoni tiegħu u l-kontroll fuq l-istess iridu jkunu b'mod li l-indipendenza u l-imparzjalità tiegħu jidhru *ictu oculi* u b'mod oġġettiv, u mhux soġġetti għar-*review* amministrativa, skont il-kaz, bil-limitazzjoni fid-dritt li dan il-process joffri. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem mhux l-ewwel darba li insistiet fuq tribunal jew qorti li mhux biss ikun indipendenti jew imparzjali, izda li jkollu "*an appearance*" ta' indipendenza u imparzjalità

(ara Wettstein *v.* Switzerland, deċiża fil-21 ta' Diċembru 2000).
»… … …«
»Kif osservat din il-qorti, speċjalment fil-każ Grech *v.* Calleja, hemm diversi provvedimenti fil-liġi tal-arbitraġġ li żgur jitfgħu dubju dwar il-kunfidenza li parti għandha jkollha fis-smigħ.
»L-indħil miċ-ċentru fuq il-kompożizzjoni tat-tribunal tal-arbitraġġ u fuq il-provvdimenti tal-istess ma joħolqux affidament li kollox ikun sar fil-kuntest ta' smigħ xieraq minn tribunal indipendenti u imparzjali. Din il-qorti qieset ukoll il-kaz Frendo Randon *et v.* Il-Kummissarju tal-Art *et*, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-10 ta' Lulju 2009, fejn sabet li l-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet ma kienx, kif kompost, bord indipendenti u imparzjali u dan, b'mod partikolari, peress li l-membri tekniċi tal-istess bord kien jonqos fihom l-apparenza ta' indipendenza u imparzjalità:
»"... liema membri ma jgawdux is-sigurtà tal-uffiċċju tagħhom, billi dawn jiġu nominati mill-awtoritajiet kompetenti u jistgħu faċilment jitneħħew mill-istess awtoritajiet, jew l-inkarigu tagħhom ma jiġix konfermat."
»L-istess raġunijiet għandhom japplikaw għal dan il-każ.
»Il-paragun li għamlet il-Qorti Kostituzzjonali fil-każ ta' Muscat bejn arbitru li jista' ma jintgħażilx għal arbitraġġi oħra, ma' mħallef jew maġistrat li jkun ser jirtira bl-età iżda li xorta jibqa' indipendenti avolja jkollu l-lixka ta' xi funzjoni jew kariga oħra mill-eżekuttiv, m'hijiex f'lokha. Mhux biss li, anke fil-kuntest tal-ġudikatura, il-materja hija waħda kontroversjali, iżda ġudikant għandu, sa ma jirtira fl-età ta' 65 sena, *security of tenure* indipendentement minn jekk id-deċiżjonijiet tiegħu ikunux favorevoli jew kontra l-eżekuttiv, *security of tenure* li ma jgawdix minnha l-arbitru. Kif gie osservat fil-każ Brincat *v.* Avukat Ġenerali *et*, deċiza minn din il-qorti fl-10 ta' Jannar 2003, u dan b'referenza għad-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea, "*the irremoveability of judges during their term of office, whether it be for a limited period of time or for life time, is a necessary carollary of their indipendence*". F'dan il-każ, skont il-liġi, l-arbitru lanqas *term of office* ma għandu, u jista', f'ċerti ċirkostanzi, anke jiġi mibdul fil-kors tas-smigħ ta' każ.

»Għall-bqija, din il-qorti tagħmel tagħha l-osservazzjonijiet u l-kummenti li għamlet din il-qorti fit-tliet sentenzi aktar qabel imsemmija, u li għamlet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża ta' *H. Vassallo & Sons Ltd* u tqis li l-provvedmenti tal-liġi li jipprovdu għall-arbitraġġ mandatorju, almenu kif kienu fiż-żmien rilevanti, jiksru d-drittijiet tar-rikorrenti kif protetti bl-artikoli indikati tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea.

»Saret referenza għal-liġi kif kienet fiż-żmien relevanti peress li bl-Att numru IX tal-2010, l-Att dwar l-Arbitraġġ ġie emendat u wieħed jista' jgħid li l-emendi introdotti jwieġbu għal ħafna mill-problemi li ssollevat din il-qorti fit-tliet sentenzi aktar qabel imsemmija. Din il-qorti m'hijiex se tiddiskuti l-effetti ta' dawk l-emendi fuq il-każ ta' arbitraġġ mandatorju, peress li dawn l-emendi daħlu fis-seħħ, għal dak li jikkonċerna arbitraġġ, f'Novembru tal-2011, u kwindi ma kellhomx forza legali la meta seħħ l-arbitraġġ u lanqas ma ġie ppreżentat l-appell f'dan il-każ, liema appell, ovvjament, seta' jsir fit-terminu tal-liġi kif kienet dak iż-żmien.«

8. L-Avukat Ġenerali appella minn din is-sentenza b'rikors tas-6 ta' Ġunju 2012. L-appellati wieġbu fis-7 t'Awissu 2012 u fissru għala, fil-fehma tagħhom, l-appell għandu jiġi miċħud.

9. Qabel ma tqis l-aggravji tal-Avukat Ġenerali fid-dawl tat-tweġiba tal-appellati, il-qorti tibda biex tgħid illi taqbel li xejn ma hija ħaġa tajba illi fi żmien x'aktarx qasir ikun hemm deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali li jmorru kontra xulxin għax dan joħloq inċertezza fid-dritt. Dan iżda huwa inevitabbli meta, minħabba l-ħtiġijiet taċ-ċirkostanzi, il-kompożizzjoni tal-qorti ma tkunx dejjem l-istess.

10. Din il-qorti hija tal-fehma wkoll illi, bħala l-qorti fdata bl-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-liġijiet li jħarsu d-drittijiet fondamentali, għandha d-dmir li tara mhux biss illi dawn id-drittijiet jitħarsu iżda wkoll li ma tħallix li jiġu trivjalizzati b'interpretazzjonijiet x'aktarx maqtugħa mir-realtà oġġettiva.

11. Id-drittijiet fondamentali huma maħsuba biex iħarsu interessi ġenwini u leġittimi u mhux biex jagħtu lit-tellief f'kawża possibiltà oħra li jaqleb deċiżjoni kontrieh jew li jtawwal kemm jista' l-proċeduri. Fil-każ tallum huwa wisq

ovvju illi l-appellati ma kellhom ebda preokkupazzjoni dwar l-indipendenza u l-imparzjalità, kemm oġġettivi u kemm soġġettivi, tal-arbitru. Fil-fatt ħadu sehem u baqgħu jieħdu sehem fil-proċeduri tal-arbitraġġ bla ebda aċċenn jew ilment ta’ xi biża’ ta’ nuqqas ta’ smigħ xieraq sakemm is-sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha fil-każ ta’ Muscat – li mbagħad inqalbet minn din il-qorti – fetħitilhom għajnejhom għal possibiltà oħra li jarenaw il-proċeduri kontriehom.

12. Il-fatt biss li l-appellati bl-akkwijexxenza tagħhom għall-proċeduri ta’ arbitraġġ wrew illi ma kellhom ebda dubju dwar il-proċeduri nfushom jew dwar l-arbitru kien ikun biżżejjed biex l-ilment tagħhom jitqies bħala wieħed fieragħ. Madankollu, billi s-sentenza tal-ewwel qorti kompliet qanqlet dubju dwar il-leġittimità kostituzzjonali tal-arbitraġġ obbligatorju, din il-qorti hija tal-fehma illi għandha tistħarreġ aktar fil-fond dwar il-kwistjoni u tfittex li toħroġ bi tweġibiet li forsi jkunu aktar konvinċenti biex il-kontroversja tingħalaq darba għal dejjem għaliex għalkemm f’Malta ma għandniex id-duttrina tal-preċedent, iċ-ċertezza tad-dritt xorta jimmilita favur konsistenza fis-sentenzi.

13. Din il-qorti tifhem illi għandha tqis id-dritt fondamentali għal smigħ xieraq mhux biss fid-dawl ta’ episodji partikolari – għalkemm dawn, naturalment, ukoll huma ta’ importanza fondamentali għax kull każ għandu ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu – iżda fid-dawl ukoll tal-ħtiġijiet ġenerali tas-sistema tal-ħarsien tad-drittijiet biex ir-rimedji li jingħataw ikunu tempestivi, effettivi u xierqa.

14. Fi kliem ieħor, tajjeb illi naspiraw għall-idejal, iżda jekk biex nilħqu dan l-idejal il-prezz li rridu nħallsu hu illi proċeduri li kienu jieħdu sena issa jieħdu għaxar snin, mela l-prattiċità titlob illi nieħdu atteġġjament aktar konformi mal-ħtiġijiet veri tal-interessi ġenwini li jridu jitħarsu, fosthom l-interess ġenwin tal-parti li tistenna li jkollha deċiżjoni fi żmien raġonevoli.

15. Huwa d-dmir tal-istat illi joħloq sistema ġudizzjarju u jorganizzah b’mod illi jassikura smigħ xieraq fi żmien

raġonevoli[1]. Is-sitwazzjoni hi dik li hi u n-numru ta' kawżi hu dak li hu. Mod kif jitħaffef il-piż fuq il-qrati hu illi tilwimiet ta' ċerta kategorija li min-natura tagħhom jistgħu jkunu anqas sensitivi minn kawżi oħra jinstemgħu bil-garanziji kollha ta' smigħ xieraq – quddiem arbitru fl-interess tal-effiċjenza fl-użu ta' riżorsi ġudizzjarji limitati. Ikun kontro-sens u atteġġjament x'aktarx mjopiku jekk din l-inizjattiva tal-istat maħsuba biex tassikura aktar effiċjenza fis-sistema ġudizzjarju tiġi skonfitta u stultifikata għax jingħata piż sproporzjonat għal biżgħat ipotetiċi, artifiċjali u mġebbdin. Dan iservi biss biex jitħarsu l-interessi opportunisti ta' min irid jara ma' xiex jaqbad biex proċeduri kontrieh ma jintemmu qatt b'detriment għal min għandu interessi ġenwini li t-tilwimiet jinqatgħu fi żmien raġonevoli.

16. Il-kwistjoni mela hi jekk, fid-dawl ta' dan kollu, huwiex minnu illi l-arbitraġġ obbligatorju ma jagħtix garanzija ta' indipendenza tal-arbitru, kif tgħid is-sentenza appellata u kif igħidu l-appellati.

17. Ngħaddu mela għall-aggravji tal-Avukat Ġenerali. L-ewwel aggravju jgħid illi l-ewwel qorti ma immotivatx sew id-deċiżjoni tagħha għax:

»… waslet għall-konklużjoni tagħha a bażi biss ta' apprezzament ta' ġurisprudenza li tirrigwarda mertu simili mingħajr ma għamlet konsiderazzjonijiet speċifici skont il-fattispecie u l-meritu tal-każ odjern.«

18. Għalkemm ma huwiex minnu illi l-ewwel qorti straħet biss fuq is-sentenzi li qablet magħhom, għax fissret ukoll għala ma taqbilx ma' sentenzi li waslu għal konklużjoni differenti, huwa minnu illi ma tatx attenzjoni biżżejjed għaċ-ċirkostanzi speċifiċi għall-każ tallum u qagħdet minflok fuq konsiderazzjonjiet astratti.

19. Partikolarment relevanti huwa l-fatt illi l-appellati, bil-parteċipazzjoni tagħhom bla protesta fil-proċeduri tal-arbitraġġ sakemm is-sentenza fl-ewwel grad ta' Muscat wriethom triq kif jaħarbu minnhom, effettivament taw il-kunsens taċitu tagħhom illi l-vertenza tinqata' b'arbitraġġ. Dan għamluh għalkemm l-arbitru ma ntgħażilx mill-partijiet bi ftehim iżda ntgħażel miċ-Ċentru tal-Arbitraġġ ["iċ-Ċentru"]. Anzi, fit-tweġibiet li bihom l-appellati ikkontestaw

---

[1] Ara Vocaturo *v.* l-Italja, Q.E.D.B. 24 ta' Mejju 1991, para. 17; G.H. *v.* l-Awsrtrija, Q.E.D.B., 3 ta' Ottubru 2000, para. 20.

it-talbiet quddiem l-arbitru, l-istess appellati mhux biss ma ressqu ebda ilment kontra l-arbitru jew il-mod kif inħatar iżda anzi indikaw l-arbitru b'ismu[2] biex ir-raġunijiet tagħhom fil-meritu kontra t-talbiet jiġu notifikati wkoll lilu. Dan għamluh preżumibilment biex l-arbitru jqis l-argumenti tagħhom fil-meritu, u dan il-fatt jixhed illi ma kellhom ebda preokkupazzjoni dwar l-indipendenza oġġettiva tiegħu.

20. Dan il-fatt relevantissimu għaċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ tallum sfuġġa għalkollox lill-ewwel qorti.

21. Safejn l-ewwel aggravju jgħid illi l-ewwel qorti għamlet biss analiżi ipotetika bla ma qieset fatti relevanti għall-każ partikolari, dan l-aggravju huwa għalhekk ġustifikat.

22. It-tieni aggravju jolqot il-meritu, u jgħid illi "s-sentenza appellata … għamlet apprezzament skorrett tar-rekwiżiti tas-smigħ xieraq in konnessjoni ma' proċeduri ta' arbitraġġ".

23. Il-preokkupazzjoni tal-ewwel qorti kienet dwar l-indipendenza tal-arbitru, li tolqot l-imparzjalità oġġettiva tiegħu, partikolarment minħabba l-fatt illi, jekk il-partijiet ma jaqblux dwar l-għażla ta' arbitru, dik l-għażla ssir miċ-*chairman* taċ-Ċentru. Saret referenza għas-sentenza mogħtija minn din il-qorti fl-10 ta' Lulju 2009 fil-kawża fl-ismijiet Avukat Renè Frendo Randon *et v.* Il-Kummissarju tal-Art *et*. Dik il-kawża kienet dwar l-indipendenza oġġettiva tal-membri tekniċi tal-Bord tal-Arbitraġġ dwar Artijiet.

24. F'dik il-kawża din il-qorti kienet osservat illi fil-liġi "ma hemm l-ebda disposizzjoni … li tissalvagwardja dawn il-membri tekniċi minn pressjonijiet esterni u/jew li tiggarantixxi li ma jiġux imneħħija arbitrarjament matul il-perjodu tal-ħatra tagħhom", u sabet illi l-mod ta' ħatra tagħhom ma tagħtix garanzija ta' indipendenza "fid-dawl tal-fatt li l-membri tekniċi jiġu appuntati mill-eżekuttiv biex jagħtu opinjoni, li tista' f'ċerti sitwazzjonijiet tekwivali għal deċiżjoni, f'kawżi fejn il-gvern għandu interess finanzjarju dirett".

25. Għandu jkun minnufih ovvju illi l-każ tallum huwa għal kollox differenti. Ħlief fil-każ illi l-arbitraġġ ikun dwar

[2] Fol. 39 u fol. 54 tal-atti tal-arbitraġġ.

inċident tat-triq li fih ikun involut iċ-*chairman* taċ-Ċentru, il-ħatra tal-arbitru ma ssirx minn min "għandu interess finanzjarju dirett" fl-eżitu tal-proċeduri. Mela ħażin qalet l-ewwel qorti illi "l-istess raġunijiet għandhom japplikaw għal dan il-każ".

26. Hawn tidher ċara r-relevanza tal-argument – skartat mill-ewwel qorti – illi l-klassi ta' tilwimiet soġġetti għal arbitraġġ obbligatorju hija ta' relevanza għall-għanijiet ta' konsiderazzjonijiet ta' indipendenza u imparzjalità. L-arbitraġġ obbligatorju li dwaru qiegħed isir ilment fil-każ tallum huwa dwar "Tilwimiet dwar it-Traffiku ta' Vetturi bil-Mutur". Din il-klassi ta' tilwimiet, aktar u aktar meta t-tilwima "ma tkunx waħda li jkollha x'taqsam ma' talba għal danni għal ħsara fil-persuna" u meta l-valur "ma jkunx jeċċedi l-ħdax-il elf u sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87)" – li huma kondizzjonijet meħtieġa għall-obbligu ta' arbitraġġ – ma hijiex waħda li dwarha raġonevolment tistenna li ċ-*chairman* taċ-Ċentru jkollu interess jaħtar arbitri li tilwimiet ta' dan it-tip jaqtgħuhom b'mod u mhux b'ieħor.

27. Ma huwiex minnu, kif qalet l-ewwel qorti, illi konklużjoni kontrarja għal dik li waslet għaliha hi tkun tfisser illi dawn it-tilwimiet "ma jixraqilhomx il-protezzjoni kompleta tal-liġi". Il-protezzjoni kompleta tal-liġi tista' tingħata b'diversi modi u d-diversita` fil-modalita` ma tnaqqas xejn mill-protezzjoni kompleta. Li hu minnu hu illi suspetti ta' indħil u tehdid għall-indipendenza tal-arbitru f'każijiet bħal dawn huma suspetti u biżgħat imġebbdin u maqtugħa mir-realtà. Il-kriterju oġġettiv tal-"apparenza ta' indipendenza" ma huwiex dak ta' min iħares lejn l-affarijiet b'suspett eċċessiv iżda tal-bniedem raġonevoli u *in bona fide* li ma għandux interess illi jfixkel għalxejn il-mixi tal-proċess.

28. Naraw issa d-dispożizzjonijiet tal-liġi li jirregolaw il-ħatra tal-arbitru u jekk dawn jaħgtux garanzija ta' indipendenza. Billi huwa ċ-*chairman* taċ-Ċentru li jaħtar l-arbitru fin-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet, nibdew bid-dispożizzjonijiet dwar il-ħatra taċ-*chairman* innifsu.

29. L-art. 4(2) tal-Kap. 387 igħid illi ċ-*chairman* jinħatar mill-President ta' Malta fuq il-parir tal-Prim'Ministru u u l-art. 5 jrid illi min jinħatar *chairman* ikun ipprattika ta' avukat f'Malta għal mhux inqas minn tnax-il sena. L-art. 6

igħid illi l-ħatra tkun ta' sitt snin li matulhom iċ-*chairman* ma jistax jitneħħa jekk mhux fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja fil-każ biss illi "ma jkunx idoneu li jibqa' f'dik il-kariga jew ikun sar inkapaċi filli jibqa' jwettaq sew dmirijietu".

30. Huma partikolarment relevanti d-dispożizzjonijiet tal-art. 4(4):

»**4.** (4) Fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom taħt dan l-Att il-membri kollha tal-Bord [fosthom iċ-*chairman*] għandhom iwettqu l-funzjonijiet tagħhom skond l-arbitriju individwali taghhom u m'għandhomx ikunu suġġetti għad-direzzjoni jew kontroll ta' xi persuna jew awtorità oħra.«

31. Fil-fehma tal-qorti dawn id-dispożizzjonijiet jagħtu garanzija biżżejjed tas-sigurtà taż-żamma fil-ħatra u garanzija kontra indħil, u dawn flimkien jagħtu garanzija ta' indipendenza kemm soġġettiva u kemm fid-dehra taċ-*chairman*.

32. Ngħaddu issa għall-arbitru nnifsu.

33. L-arbitru, kif rajna, jinħatar mill-partijiet bi ftehim u, fin-nuqqas ta' ftehim, miċ-*chairman* taċ-Ċentru. Jintgħażel minn fost dawk li jkunu membri tal-"grupp ta' arbitraġġ domestiku" u, fil-każ tallum, mill-grupp li jkollu x'jaqsam ma' kolliżjonijiet tat-traffiku maħgmul kif igħid u jrid l-art. 10(2) u (3). Il-membri ta' dawn il-gruppi ma jinħatrux arbitrarjament iżda, kif igħid l-art. 10(3), "il-gruppi jintgħamlu minn fost persuni li fil-fehma taċ-Ċentru jkollhom kwalifiki tajba biex iwettqu d-dmirijiet u l-funzjonijiet ta' arbitri f'xi qasam partikolari ta' perizja".

34. Meta naslu għall-ħatra ta' arbitru għal arbitraġġ partikolari, l -art. 20(4) irid illi "meta jkun qiegħed jagħmel il-ħatra, iċ-*Chairman* għandu jqis kull ħaġa li x'aktarx tiżgura l-ħatra ta' arbitru indipendenti u imparzjali". Mela ukoll fil-ħatra tal-arbitri għal arbitraġġi partikolari, l-għażla ssir mhux arbitrarjament iżda bi kriterji u parametri oġġettivi.

35. Ma jidhirx għalhekk illi, fid-dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-arbitru, hemm xi ħaġa illi tista' raġonevolment toħloq suspett ta' nuqqas ta' indipendenza.

36. Relevanti wkoll, wara l-ħatra tal-arbitru miċ-*chairman*, id-dispożizzjonijiet tal-art. 24(1) li jagħtu rimedju

kontra suspett raġonevoli ta' nuqqas ta' imparzjalità jew indipendenza:

**»24.** (1) Arbitru jista' jiġi rikużat jekk ikun hemm xi ħaġa li tnissel dubbju ġustifikabbli dwar l-imparzjalità jew l-indipendenza ta' dak l-arbitru.«

37. L-ewwel qorti iżda beżgħat ukoll minn "indħil miċ-Ċentru" waqt is-smigħ tal-arbitraġġ u skartat l-argument illi "d-deċiżjonijiet li jieħu ċ-Ċentru tal-Arbitraġġ marbuta mat-tmexxija tal-arbitraġġ huma deċiżjonijiet amministrativi" li ma jolqtux il-meritu tad-deċiżjoni.

38. F'dan il-kuntest huma relevanti d-dispożizzjonijiet tar-Regoli dwar l-Arbitraġġ ["L.S. 387.01] magħmula taħt l-istess Kap. 387. Ir-reg. 72(1) jgħid hekk:

»**72.** (1) F'każ ta' ksur mill-arbitru ta' xi dmir li għandu in konnessjoni mal-immaniġġar tal-proċedimenti, ir-Reġistratur jista' joħroġ ordnijiet bil-miktub lill-arbitru, liema ordnijiet għandhom jiġu obduti mill-arbitru mill-aktar fis possibli.«

39. Jekk l-arbitru jonqos milli jħares dawk l-ordnijiet, jista' jitneħħa mill-grupp ta' arbitri u għalhekk ma jkunx jista' jerġa' jinħatar bħala arbitru. Dawn l-ordnijiet, fil-fehma tal-qorti, ma jistgħux jitqiesu bħala indħil li jnaqqas mill-indipendenza tal-arbitru bħala ġudikant għax jolqtu "l-immaniġġar tal-proċedimenti", mhux il-meritu. Huma maħsuba biex il-proċess jitmexxa b'effiċjenza u mhux biex ikun hemm indħil fid-deċiżjoni dwar il-meritu tat-tilwima.

40. Lanqas ma għandna nippreżumu illi ċ-Ċentru sejjer jimxi *in mala fide* u jinqeda bis-setgħat tiegħu biex jagħmel pressjoni mhux xierqa fuq l-arbitru. Anzi, dawk is-setgħat ingħataw biex iħarsu ll-indipendenza u l-imparzjalità tal-arbitru, mhux biex ixekkluhom, kif jixhed ċar ir-reg. 72(4):

»**72.** (4) F'każ ta' ksur tad-dmir tal-indipendenza mill-arbitru minħabba xi konflitt ta' interess mhux żvelat jew minħabba xi komunikazzjoni irregolari jew xort'oħra ma' xi waħda mill-partijiet jew ma' xi persuna li taġixxi f'isem il-parti, ir-Reġistratur għandu jagħmel rapport bil-miktub lill-Bord li jiġi kkupjat lill-arbitru u lill-partijiet u l-Bord jiddeċiedi x'azzjonijiet għandu jieħu.«

41. Barra minn hekk, l-art. 10(6)(*ċ*) tal-Kap. 387 jgħid illi "tneħħija [ta' arbitru] … ma għand[hiex] [t]itqies li [t]inkludi t-tneħħija … ta' dik il-persuna minn xi proċedimenti ta' arbitraġġ li hi tkun setgħet diġà ġiet

maħtura fihom qabel it-tneħħija jew ir-riżenja tagħha ħlief kif jista jiġi espressament ordnat b'deċiżjoni taċ-Ċentru li tittieħed wara".

42. Jingħad ukoll illi, kontra dak li qalet l-ewwel qorti, it-tneħħija ta' arbitru minn grupp ta' arbitri hija deċiżjoni amministrativa soġġetta għal stħarriġ mill-qrati, u għalhekk l-arbitru huwa mħares kontra kull abbuż miċ-Ċentru jekk jitneħħa arbitrarjament u mingħajr raġuni tajba.

43. Fil-fehma tal-qorti, għalhekk, hemm biżżejjed garanziji kemm dwar il-ħatra tal-arbitru, kemm dwar it-tneħħija tiegħu u kemm dwar it-tmexxija tal-proċeduri tal-arbitraġġ biex iħarsu l-indipendenza u l-imparzjalità tal-arbitru.

44. Jifdal l-aħħar preokkupazzjoni: illi l-arbitru jħoss l-indipendenza tiegħu mhedda għax jista' ma jintgħażilx għal arbitraġġi oħra u għalhekk, għalkemm jibqa' fil-grupp ta' arbitri, jibqa' bla xogħol.

45. Dan l-aħħar argument juri kemm ma humeix realistiċi u kemm huma mġebbdin il-biżgħat. X'interess jista' jkollu ċ-*chairman* fl-eżitu ta' arbitraġġi dwar kolliżjonijiet bejn terzi persuni? X'jista' jġiegħlu ma jagħtarx arbitru għax dan f'arbitraġġ ta' qabel kien iddeċieda favur parti u kontra oħra? Jekk titlaq minn premessa li kull min għandu setgħa sejjer jabbuża minnha tasal biex taqbel mal-ewwel qorti iżda jekk tieħu atteġġjament aktar realistiku, fid-dawl tal-provvedimenti kollha tal-liġi li qisna u li jħarsu l-indipendenza u l-imparzjalità kemm taċ-*chairman* u kemm tal-arbitru, tifhem illi ma hemm ebda raġuni tassew għala arbitru għandu jibża' li ma jinħatarx f'arbitraġġi oħra jekk fl-arbitraġġ li jkollu quddiemu jiddeċiedi mod u mhux ieħor.

46. Meta tqis il-benefiċċji li jagħti l-istitut ta' arbitraġġ, partikolarment fil-kuntest tad-dmir tal-istat li hekk jorganizza s-sistema ġudizzjarju tiegħu li jassigura ġustizzja effiċjenti fi żmien raġonevoli, tqis id-dispożizzjonijiet kollha maħsuba biex iħarsu l-indipendenza u l-imparzjalità tal-arbitru u l-integrità tal-proċess, u tqis il-klassi ta' tilwimiet soġġetti għal arbitraġġ obbligatorju, u tqabbel dan kollu mal-biżgħat imġebbda u xejn realistiċi li jitfgħu dubju fuq l-indipendenza u l-imparzjalità, il-miżien bilfors ixaqleb favur l-istitut tal-

arbitraġġ obbligatorju u mhux kontra. Il-qorti ttenni dak li osservat fis-sentenza ta' Muscat:

»Fuq il-kriterju ta' proporzjonalità bejn, min-naħa l-waħda, l-għan leġittimu tal-benefiċċju li l-istitut tal-arbitraġġ obbligatorju jagħti lill-organizzazzjoni ġudizzjarja ta' pajjiż u, min-naħa l-oħra, il-biża' mġebbed u ipotetiku …, u fid-dawl tal-klassi ta' tilwimiet soġġetti għal arbitraġġ obbligatorju, fil-fehma ta' din il-qorti ma hemmx tehdida attwali, vera u realistika lill-indipendenza tat-tribunal ta' arbitraġġ«

47. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tilqa' l-appell, tħassar is-sentenza appellata u twieġeb hekk għar-referenza magħmula mill-Qorti tal-Appell: il-proċeduri ta' arbitraġġ obbligatorju fl-ismijiet premessi mmexxija taħt l-Avviż Legali 279 tal-2005 u l-artikolu 15(11) tal-Att dwar Arbitraġġ [Kap. 387 tal-Liġijiet ta' Malta] ma jmorrux kontra d-dispożizzjonijet tal-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali. Tordna ill il-atti jintbagħtu lura lill-Qorti tal-Appell biex jitkompla s-smigħ. L-ispejjeż tar-referenza, kemm tal-ewwel grad u kemm quddiem din il-qorti, iħallsuhom l-appellati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------